**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ**

SEDUTA NRU. 27 – IT-TNEJN, 19 TA' NOVEMBRU 2012

Il-Kumitat iltaqa' fis-Sala tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fil-5:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Mary Anne Cuomo | *Chairperson* |
| | Joseph Woods | Viċi *Chairperson* |
| | Evelyn Muscat | Membru |
| | Maria Vella | Membru (waslet fil-5:10pm) |
| | Joseph Pierre Bonello | Membru (wasal fil-5:10pm) |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Roderick Debono | Skrivan |

## 1. APOLOĠIJI

1.1. Hekk kif bdiet il-laqgħa ċ-Chairperson Maryanne Cuomo infurmat li Maria Vella kienet se tasal tard.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI

2.1. Il-minuti tal-laqgħa ta' qabel kienu meqjusa moqrija.

2.2. Wara kunsiderazzjoni l-minuti kienu approvati u ffirmati miċ-*Chairperson* u mis-Segretarju Eżekuttiv (SE).

## 3. KOMUNIKAZZJONIJIET MIĊ-*CHAIRPERSON*

3.1. Is-Sur Woods informa li kien applika biex jattendi għal sessjoni ta' informazzjoni ta' MEUSAC.

3.2. Iċ-Chairperson infurmat li Fr. Eddie ma kienx għadu aktar responsabbli mit-tmexxija Pastorali f'BIC u minflok laħaq Fr Paul Attard. Hija infurmat ukoll li kienet intbagħatet ittra ta' ringrazzjament lil Fr Eddie għan-nom tal-Kumitat Amministrattiv. Sadanittant infurmat li kienet se tiltaqa' ma' Fr Paul Attard l-għada tal-laqgħa.

3.3. Is-Sinj. Cuomo infurmat li Fr Paul kien bagħatilha email fejn talab il-kollaborazzjoni u sapport. Intqal ukoll li kien importanti li fl-emails ikun ikkupjat ukoll Fr Stephen.

3.4. Iċ-Ċhairperson infurmat li kienet iltaqat mas-Sur Angelito Sciberras mill-Ministeru tal-Isports fiż-żona ta' Baħar iċ-Ċagħaq. Huma tkellmu fuq iż-żona li hemm faċċata ta' Triq l-Iskall. Is-Sur Sciberras sostna li huma kienu lesti li jagħmlu tajjeb għall-ispiża tal-apparat filwaqt li l-ispiża tal-infrastruttura jagħmel tajjeb għaliha l-Kumitat Amministrattiv ta' Baħar iċ-

Ċagħaq. Huwa żied jgħid li l-Kumitat għandu jfittex li jakkwista kwotazzjonijiet għax-xiri u l-installazzjoni tal-apparat u jgħaddi tali kwotazzjoni lill-Ministeru tal-Isports. Kien hemm qbil ukoll li l-Perit għadu jibda bil-pjanijiet filwaqt li kien mitlub li l-bażi la tkun *turf* u lanqas lastiku.

3.5. F'dan il-ħin waslu s-Sinj. Vella u s-Sur Bonello.

3.6. Il-Kumitat stqarr li kieku l-art tal-Iscouts kienet f'idejhom, kienu jaħsbu għal xi proġett li jolqot lit-tfal taż-żona. Is-Sur Sciberras staqsa kemm fadallu l-kuntratt taż-żona taħt l-Iscouts. Huwa osserva l-iżdingar u l-ħmieg li hemm fiż-żona.

3.7. Is-Sinj. Cuomo infurmat lill-membri tal-Kumitat li nhar il-Ġimgha 23 ta' Novembru 2012 fid-9:00am se tiltaqa' mas-Sur Charles Camilleri li huwa l-Prinċipal tad-Dipartiment tal-Agrikoltura. Is-Sur Camilleri jixtieq li fiż-żona ta' quddiem il-Marleys isir proġett ta' tħawwil ta' siġar.

3.8. Is-Sur Bonello ressaq talba sabiex fiż-żona ta' Baħar iċ-Ċagħaq jibda jkun hemm il-*Green Wardens*. Huwa ppropona sabiex tali *Green Wardens* jibdew ikunu allokati f'Baħar iċ-Ċagħaq fil-ħin ta' bejn is-7:00am u t-8:00am. Dan għaliex fil-fehma tiegħu dan huwa ħin ideali li numru ta' sidien tal-klieb jagħżlu sabiex joħorgu l-klieb tagħhom.

3.9. Is-Sinj. Cuomo ilmentat li l-kuntrattur tal-ġonna qed jittraskura.

## 4. MIŻURI TA' *TRAFFIC CALMING* FI TRIQ IX-XAMBEKK

4.1. Is-Sur Woods mhux tal-fehma li jsiru *traffic calming measures* fi Triq ix-Xambekk għax huwa ma jemminx li din it-triq hija perikoluża. Minflok, is-Sur Woods stqarr li huwa aktar beżgħan minn dawk it-tfal minorenni li ta' sikwit jilmaħ jilagħbu fuq il-bejt tal-latrina ta' Ġnien Santa Marija tal-Anġli. Fil-fatt huwa ppropona li l-Kumitat għandu jagħmel *barriers* sabiex ma jkollhomx aċċess għal fuq il-bejt. Huwa ddeskriva li t-tfal ġieli kienu saħansitra ta' bejn il-5 u s-6 snin.

4.2. Kien hawnhekk fejn il-Kumitat ħa deċiżjoni unanima li ma għandhomx jittieħdu miżuri ta' *traffic calming measures* permezz ta' *humps* fi Triq ix-Xambekk.

4.3. Fid-dawl tat-*traffic calming measures* is-Sur Bonello informa li huwa jixtieq li ssir *hump* fi Triq is-Sikka. Is-Sinj. Cuomo semmiet li minflok jistgħu jsiru r-*rumble strips*. Madankollu s-Segretarju Eżekuttiv stqarr li apparti li dawn jkunu ta' inkonvenjenza għar-residenti tal-viċin kawża għall-istorbju kontinwu dawn kienu se jqumu ħafna flus. Huwa fil-fatt stqarr li *hump* tlaħħaq l-ispiża ta' madwar €1160 imma ma kienx jaf eżatt. Din il-proposta tressqet peress li hemm il-Ġnien Santa Marija tal-Anġli kif ukoll ċ-Ċentru ta' Baħar iċ-Ċagħaq imissu ma' Triq is-Sikka li hija meqjusa bħala triq perikoluża. Il-Kumitat talab lis-SE biex jindaga dwar il-prezz ta' *hump* skont l-istandards.

## 5. PROPOSTA GĦAL BYE LAW GĦALL-BBQ'S

5.1. Il-Kumitat kien qiegħed jaqbel li għandha ssir bye law dwar il-kontroll tal-BBQ's. Ir-raġuni ewlenija hija li l-Kumitat huwa konxju bil-ħmieg li qiegħed jitħalla fiż-żoni fejn isiru dawn il-BBQ's.

5.2. Il-Kumitat qabel li għandu jkun hemm żoni fejn ma jistgħux isiru bbq's kif ukoll żoni fejn jistgħu jsiru bbq's diment li n-numru ta' nies ma jaqbiżx ċertu ammont. Fid-dawl ta' dan tal-aħħar issemmiet iż-żona ta' wara l-Isplash and Fun. Il-Kumitat żied jgħid li fil-bajja jistgħu jsiru bbq's basta jkun hemm tabelli sabiex ma jħammġux filwaqt li jkun hemm numru adekwat ta' kontenituri tal-ħmieġ. Minn naħa l-oħra l-Kumitat huwa tal-fehma li ħdejn il-barrakki tal-melħ ma jsirux bbq's. Kien suġġerit penali ta' €70 għal min jikser ir-regolamenti.

5.3. Is-SE wiegħed li se jibda jaħdem fuq din il-bye law biex titressaq għall-attenzjoni tal-Kumitat u eventwalment jibda l-proċess biex tkun approvata mill-Kunsill. Is-SE fakkar però li mhux possibli ssir b'wisq għaġġla minħabba ammont kbir ta' xogħol li jinsab għaddej fil-preżent.

5.4. F'dan il-ħin kien diskuss ukoll pjan ħolostiku għaliex kien hemm qbil li wieħed ma jistax jindirizza ħaġa waħda meta hemm problemi oħra konnessi. Dwar dan kien hemm qbil li s-SE għandu jiddiskuti mal-Perit tal-Kunsill biex jara jekk huwiex interessat li jressaq pjan ħolistiku hu jew jekk hux il-każ li tinħareġ sejħa għall-offerti għal dan ix-xogħol.

5.5. Is-Sinj. Vella semmiet it-trejqa minn Triq Qalet Marku għall-Magħtab. Kien hemm qbil li tintbagħat email lill-Perit David Vassallo u lis-Sur Jonathan Vella ta' TM.

5.6. F'dan il-ħin is-Sinj. Vella skużat ruħha mil-laqgħa. Il-ħin kien is-6:45pm.

## 6. DWAL FI TRIQ IL-LAMPARA

6.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kumitat sabiex jagħtih lista bit-toroq kollha li fil-fehma tagħhom hemm bżonn ta' xi bozza ġdida. It-toroq li ġew imsemmija huma:

- Triq il-Lampara kantuniera ma' Triq it-Tunnara;
- Triq l-Isbark tal-Franċiżi;
- Id-dħul ta' Baħar iċ-Ċagħaq;
- Triq San Franġisk t'Assisi.

6.2. Is-Segretarju sostna li għad-dħul ta' Baħar iċ-Ċagħaq kif ukoll għal Triq San Frangisk t'Assisi fejn m'hemmx servizz eżistenti ta' dawl, l-ispiża se tkun għolja ferm. Dan għaliex is-servizz tad-dawl ma jistax isir permezz ta' arbli iżda jrid jgħaddi minn taħt l-art. Huwa żied jgħid li fi Triq San Franġisk t'Assisi hemm mas-60/80 metru tul sabiex ikun hemm is-servizz tal-elettriku fil-post mixtieq. Dan ifisser li jekk f'din il-firxa, se jkollha ssir trinka ta' 2.5-il metru skont id-direttiva ta' Transport Malta, l-ispiża se tkun għolja.

6.3. Fis-7:05pm, is-Sur Woods talab biex ikun skużat ukoll.

## 7. ATTIVITÀ GĦALL-ANZJANI

7.1. Il-Kumitat irid jaħseb għall-ilma, platti u pożati. Is-Segretarju Eżekuttiv talab lill-skrivan sabiex jikkordina mas-Sinj. Mariella Micallef tad-*Day Centre Naxxar* sabiex isir l-ibbukkjar tat-trasport. L-attività se tkun nhar it-Tlieta 27 ta' Novembru 2012, fiċ-Ċentru ta' Baħar iċ-Ċagħaq. Il-ħin tal-attività huwa għad-9:30am.

## 8. XOGĦLIJIET F'BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ, INKLUŻ L-IMMARKAR TAT-TOROQ

8.1. Issemma ċ-ċaqliq tal-iskips ta' Triq is-Sikka. Is-Sinj. Cuomo infurmat li dawn ma baqgħux fejn kienu, iżda mxew għal quddiem ir-restaurant À l'Orange. Għalhekk il-Kumitat talab sabiex issir telefonata lill-kuntrattur sabiex jerġgħu jittieħdu lura fil-post oriġinali tagħhom.

8.2. Issemma l-bżonn ta' *refreshing* tal-marki fit-toroq ta' ir-Ridott u Anton Manwel Caruana b'mod speċjali.

8.3. Barra minn hekk issemma l-bżonn li jsiru l-marki tal-parkeġġi fi Triq l-Arzella kif ukoll sinjali sofor quddiem il-garaxxijiet fi Triq is-Sikka.

8.4. Is-Sinj. Muscat semmiet li hemm parti mill-bankina mkissra u qiegħda sservi ta' periklu għal kull minn jgħaddi minna. Din qiegħda fi Trejqet il-Kampanjol kantuniera ma' Triq id-Dwieli. Intalab għalhekk li titneħħa minn hemm mill-aktar fis.

## 9. TMIEM IL-LAQGĦA

9.1. Kien hemm qbil unanimu li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-10 ta' Dicembru 2012 ghal 5:00pm.

9.2. Il-laqgħa ntemmet fis-7:30pm.

| | |
|---|---|
| Mary Anne Cuomo | Paul Gatt Dip.Mgmt (Henley), MIM |
| **Chairperson** | **Segretarju Eżekuttiv** |